Verżjoni Elettronika

K.L.B.L. 35/01/2020

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2020 dwar Caravans fil-Lokalità ta' Marsaskala (Kunsill Lokali Marsaskala)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Marsaskala, għamel dawn il-Bye-Laws li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn il-Bye-Laws hu Bye-Laws tal-2020 dwar Caravans fil-Lokalità ta' Marsaskala (Kunsill Lokali Marsaskala). Titolu.

2. F'dawn il-Bye-Laws, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"camper" tfisser kull vettura mmexxija mill-qawwa mekkanika tagħha stess u maħsuba biex iġġorr persuni u li tkun mgħammra b'sodod u, jew armata b'mod li fiha jista' jissajjar ikel;

"caravan" tfisser kull vettura, mingħajr il-qawwa mekkanika tagħha stess, maħsuba biex iġġorr persuni, u li tkun mgħammra b'sodod u, jew armata b'mod li fiha jista' jissajjar ikel;

"gazebo" tfisser li tinkludi kull tip ta' struttura msaqqfa tad-drapp jew tal-kanvas, normalment iżda mhux neċessarjament bil-ġnubijiet miftuħa, li tipprovdi post delli, iżda teskludi umbrelel;

"kamp" tfisser li tinkludi kull tip ta' tinda tad-drap jew tal-kanvas jew ta' kwalunkwe materjal ieħor tessili, u kull tip ta' kamp jew kwalunkwe struttura temporanja oħra, iżda teskludi l-umbrelel;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala;

"Lokalità" tfisser il-lokalità ta' Marsaskala kif imfissra fl-Att.

3.1 Ħlief għal kif provdut fil-Bye-Laws li ġejjin, ebda persuna ma' tista f'xi parti ġewwa l-lokalità, inkluż f'xi bajja, tqiegħed, tħalli, tarma, jew tipparkja, sew temporanjament jew xort'oħra, camper, Projbizzjoni.

Verżjoni Elettronika

caravan, kamp, jew gazebo.

3.2 Persuna tista' tqiegħed camper sakemm jiġu osservati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) li jiġi pparkjat fi spazju permess għall-ipparkjar kif permess mir-regolamenti tat-traffiku, iżda mhux fiż-żona magħrufa bħala ix-Xatt ta' San Tumas kif murija fl-Iskeda fil-pjanta tas-sit A, kif ukoll iż-Żonqor kif murija fil-Iskeda fil-pjanta tas-sit B;

(b) li ma joħloqx fastidju, inkonvenjent jew ostaklu, u li ma jwassalx għad-deterjorament jew tħassir ta' post pubbliku; u

(ċ) li ma jitqiegħed jew jitħalla l-ebda oġġett ieħor, anke jekk ikun aċċessorju għall-camper, fuq il-bankina jew fit-triq, jew madwar il-camper.

3.3 Persuna tista' tarma kamp jew gazebo sakemm jiġu osservati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) li l-kamp jew gazebo jintrama fuq bajja jew qrib xatt il-baħar, iżda mhux fuq salini tal-melħ, u lanqas fuq bankina, triq jew kwalunkwe post pubbliku ieħor;

(b) li ma joħloqx fastidju, inkonvenjent jew ostaklu, u li ma jwassalx għad-deterjorament jew tħassir ta' post pubbliku;

(c) li ma jitqiegħed jew jitħalla l-ebda oġġett fuq il-bankina jew fit-triq jew madwar il-kamp jew gazebo, anke jekk ikun aċċessorju għall-kamp jew gazebo, ħlief fi spazju ta' metru u nofs (1.5) madwar il-kamp jew gazebo; u

(d) li jiżżarma wara li tinżel ix-xemx sat-tlugħ ix-xemx fil-jum ta' wara.

Pieni.

4. Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-Bye-Laws, għandha, meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' mitejn euro (€200) għal dik il-kontravvenzjoni flimkien ma' ammenda oħra ta' ħamsin euro (€50) għal kull jum li matulu jkun sar tali ksur ta' dawn il-Bye-Laws.

Tneħħija.

5. Il-penali msemmija fil-Bye-Law 4 għandhom jkunu mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni oħra li jista' jieħu l-Kunsill jew xi awtorità oħra sabiex ineħħi, jaħżen jew jiddisponi minn xi kamp, camper, caravan jew gazebo jew xi oġġett ieħor li jkun aċċessorju għal dawn skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru,

L.S. 65.13.

jew kull liġi oħra, u mingħajr preġudizzju għal kull penali jew ammenda oħra li tista' tkun tapplika taħt xi liġi oħra.

SKEDA
(Bye-Law 3)

Pjanijiet tas-Sit

Pjanta tas-Sit A



D 4

Pjanta tas-Sit B

